19 ta' April, 1947.

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Imħallef :

Fortunatà Farrugia et. *versus* Vincenzo Galea

**Assunzjoni ta' l-Atti — Ċitazzjoni — Dikjarazzjonijiet — Servitù — Estensjoni — Art. 507, 508 u 512 tal-Kodiċi Civili, u art. 809 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*L-assunzjoni ta' l-attijiet, li proprjament għandha ssir b'rikors u mhux b'nota, hija ammissibili fil-każ tal-mewt ta' xi waħda mill-parti-*

*jiet "pendente lite", u mhux meta l-parti tkun ġà mietet meta ġiet preżentata ċ-ċitazzjoni.*

*Jekk l-atturi jridu dikjarazzjoni mill-Qorti, il-liġi ma tipprojbix li l-Qorti tippresta l-uffiċċju tagħha biex tagħti dik id-dikjarazzjoni; però a spejjeż ta' min jitlobha, jekk il-parti l-oħra ma tikkontestax id-dikjarazzjoni.*

*Dak li għandu l-jedd tas-servitù jista' jagħmel bi spejjeż tiegħu, u b'mod li jkun l-anqas ta' xkiel għas-sid tal-fond servjenti, ix-xogħlijiet meħtieġa sabiex jinqeda bis-servitù u jżomm il-jedd tagħha. Imma min għandu dak il-jedd ta' servitù għandu jinqeda bih skond it-titolu tiegħu, u ma jistax jagħmel, la fil-fond servjenti u lanqas fil-fond dominanti, ebda tibdil li jista' jtaqqal iżjed il-piż tal-fond servjenti.*

*Għaldaqstant ma jistax it-titolari tas-servitù jippretendi estensjoni tagħha billi l-eżerċizzju tagħha skond it-titolu jkun sar insuffiċjenti mħabba t-tibdiliet li jkunu saru. Għax jekk huwa veru illi l-kreazzjoni tas-servitù titqies li tikkomprendi dak kollu li hu meħtieġ għat-tgawdija ta' dik is-servitù, il-kliem "dak kollu li hu meħtieġ" għandu jiġi nterpretat b'riferenza għaż-żmien tal-kostituzzjoni tas-servitù, u mhux in riferenza għall-iżvilupp li jkun għamel wara dak iż-żmien sid il-fond dominanti.*

Il-*Qorti*, — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-atturi ppremettew illi l-attriċi Fortunata Farrugia tippossjedi diversi porzjonijiet ta' art fit-territorju "tal-Wata", ovvero "ta' Stabi", li qegħdin "ta' Kalċ", limiti ta' Ħad-Dingli, li jinsabu in parti konfinati ma' porzjon ta' art fl-istess territorju u ta' l-istess denominazzjoni, li hija ta' proprjetà tal-konvenut; illi l-attur Paolo Galea jippossjedi biċċa art oħra fl-istess territorju, konfinanti ma' dik tal-konvenut, li l-lum tinsab imqabbla lill-attriċi Fortunata Farrugia; illi dina l-art tal-konvenut tinsab suġġetta lejn dawna l-artijiet ta' l-atturi għas-servitù ta' passaġġ bir-riġel u bil-bhima; u illi l-konvenut qiegħed jinsisti li l-atturi għandhom jgħaddu minn ġol-wied li jissepara l-artijiet tiegħu minn dawk ta' l-attriċi, liema wied mhux pratikabili la bir-riġel u wisq anqas bil-bhima, u għalhekk il-konvenut qiegħed jopponi ruħu li l-atturi jgħaddu mill-passaġġ li kien minn dejjem neċessarju għad-destinazzjoni tal-fond dominanti; billi dana l-għemil tal-konvenut qiegħed joħloq innovazzjoni li qiegħda tirrendi wisq oneruż għall-atturi l-eżer-

ċizz'u ta' dana d-dritt; u talbu li jiġi dikjarat u deċiż minn dina l-Qorti li huma għandhom id-dritt tas-servitù tal-passaġġ bir-riġel u bil-bhima minn fuq l-għalqa tal-konvenut fuq riferita, u li huma għandhom, inattiża l-oppożizzjoni tal-konvenut, ikunu awtorizzati jagħmlu dawk ir-riparazzjonijiet neċessarji, okkorrendo taħt id-direzzjoni ta' perit li jiġi nominat minn dina l-Qorti, biex dana l-passaġġ ikun att għall-użu li għalih huwa destinat. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-14 ta' Frar 1946, kontra l-konvenut li għandu jidher għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Ikkunsidrat:

Dwar l-eċċezzjoni ta' l-illeġittimità ta' l-attijiet kwantu għall-attur Pawlu Galea;

Ma hux kontrastat illi Pawlu Galea, miktub bħala attur, kien ilu mejjet meta ġiet preżentata ċ-ċitazzjoni (ara verbal fol. 27). B'nota fol. 28 Maria Galea, bintu, assumiet l-attijiet tal-kawża. Iżda skond il-liġi proċedurali (art. 809 Kap. 15), l-assunzjoni ta' l-attijiet (li jmissha proprjament issir mhux b'nota, imma b'rikors) hi ammissibili fil-każ tal-mewt ta' waħda mill-partijiet "pendente lite", u mhux meta n-nominativ hu ta' persuna li kienet ġa mejta meta ġiet preżentata ċ-ċitazzjoni. Għalhekk, kwantu għal Pawlu Galea, hemm lok għal-liberazzjoni "ab observantia";

Fil-meritu;

Il-funzjoni tat-tribunal, f'kawża partikulari, hi neċessarjament limitata bit-termini tad-domanda. Fil-każ preżenti tnejn huma d-domandi; l-ewwel, illi jiġi dikjarat u deċiż li fl-atturi (cioè lil Fortunata u Carmelo miżżewġin Farrugia, minħabba l-poni preġudizzjali dwar Pawlu Galea) jikkompeti d-dritt tas-servitù pedestri u ekwestri minn fuq l-għalqa tal-konvenut; u t-tieni, illi l-atturi jiġu awtorizzati, inattiża l-oppożizzjoni tal-konvenut, li jagħmlu dawk ir-riparazzjonijiet neċessarji, jekk hemm bżonn taħt id-direzzjoni ta' perit, biex dan il-passaġġ ikun att għall-użu li għalih huwa destinat;

Mill-provi li saru fil-kors tal-perizja, kostitwita mill-Qorti bid-digriet tagħha fol. 31 "A", deher illi l-konvenut qatt ma kkontrasta lill-atturi l-passaġġ pedestri u ekwestri, jiġifieri dak li qegħdin jirreklamaw fl-att taċ-ċitazzjoni, fejn bl-ebda

mod ma jissemmu l-passaġġ bil-karrettun (jew bit-truck) li fl-iżvilupp tal-kawża semmew l-atturi. It-titolu kostitutiv ta' din is-servitù hu l-att tad-diviżjoni tal-24 ta' Frar 1918, eżibit in kopja fol. 14. Jekk l-atturi jridu dikjarazzjoni, il-liġi, kif ġie kemm-il darba deċiż, ma tipprojbixxix li l-Qorti tippresta l-uffiċċju tagħha, imma a spejjeż ta' min jitlobha. Il-konvenut, 'kif intqal, ma opponiex l-eżerċizzju tas-servitù skond it-titolu kostitutiv, *jiġifieri bir-riġel u bil-bhima, iżda* biss oppona ruħu għall-passaġġ bil-karrettun, li lanqas biss hu pretiż fl-att taċ-ċitazzjoni ;

Kwantu għat-tieni talba, hu liġi pożitiva illi dak li lilu jmiss il-jedd tas-servitù jista' jagħmel, spejjeż tiegħu, u b'mod li jkun l-anqas ta' xkiel għas-sid tal-fond serventi, ix-xogħlijiet meħtieġa sabiex jinqeda' bis-servitù u jżomm il-jedd tagħha (art. 508 Kap. 23). Dan hu l-meritu ta' din it-tieni talba, għaliex tant tfisser il-kelma "riparazzjonijiet" użata fiċ-ċitazzjoni. Ma jirriżultax lanqas illi l-konvenut qatt oppona ruħu għal dan id-dritt ta' l-atturi. Anzi deher mill-provi illi, f'xi żmien, il-konvenut ippermetta lill-attriċi li tgħatti bit-trab fejn kien hemm il-blat mikxuf, basta terġa' tħalli l-passaġġ skond il-liġi. Kienet l-attriċi li għamlet, bla jedd, xi modifikazzjonijiet fil-passaġġ, kif jidher mill-provi u mill-perizja ;

Għalhekk anki d'n id-dikjarazzjoni ma għandhiex issir a spejjeż tal-konvenut, li ma kkaġunahiex bl-ebda mod ;

*Ikkunsidrat ;*

Illi mill-jidher, il-kuntrast inqala' kif sejjer jingħad. L-atturi żviluppaw ħafna, mid-diviżjoni ta' l-1918 'il hawn, it-territorju tagħhom bl-esplorazzjoni għall-ilma, li rnexxiet, bit-tħejjija tal-għelieqi għas-saqwi billi tnaddfu mill-blat, il-erezzjoni ta' midħna għall-pompa, xogħlijiet għat-tisqija, u kostruzzjoni ta' nuklew ta' razzett. Għalhekk il-kwantità ta' prodott li hemm bżonn toħroġ mill-għelieqi ta' l-attriċi, u l-kwantità ta' demel għall-koltivazzjoni, kibru ferm. Minn hekk il-passaġġ, kif kostitwit oriġinarjament, seta' sar issa insuffiċjenti, u taħt pretest ta' riparazzjonijiet l-atturi riedu jagħmlu modifikazzjonijiet tal-passaġġ, partikolarment billi jippretendu li jgħaddu bil-karettun ;

Issa hu ċar illi kull min għandu jedd ta' servitù għandu

jinqeda' b'dan il-jedd skond it-titolu tiegħu, u ma jistax jagħmel, la fil-fond serventi u lanqas fil-fond dominanti, ebda tibdil li jista' jtaqqal iżjed il-piż tal-fond serventi (ara art. 512 Kap. 23). Ma jistax ċertament it-titolari ta' servitù jippretendi estensjoni tas-servitù għaliex l-eżerċizzju tagħha skond it-titolu jkun sar insuffiċjenti minħabba tibdiliet, sija pure benefikati, li jkun għamel fir-raba tiegħu. Hu veru illi l-kreazzjoni ta' servitù titqies li tikkomprendi dak kollu li hu meħtieġ għat-tgawdija ta' dik is-servitù (art. 507), imma l-kliem "dak kollu li hu meħtieġ" għandhom jiġu interpretati b'riferenza għaż-żmien tal-kostituzzjoni tas-servitù" (ara sentenza Appell "Dr. Galea Naudi vs. Mifsud", 27 ta' Mejju 1927), u mhux in riferenza għal żviluppi li jkun għamel wara dak iż-żmien sid il-fond dominanti. Kieku kellu jiġi ammess dan, kien ikun hemm lok għall-konsegwenza ingusta illi sid il-fond dominanti jista', bil-fatt tiegħu stess, jaggrava l-pożizzjoni ta' sid il-fond serventi;

L-atturi, fl-iskrittturi tagħhom, wara l-perizja ppruvaw anki jġibu 'l quddiem il-kwistjoni jekk humiex intitolati għall-passaġġ bil-karrettun minħabba l-interklużjoni tal-fond. Huma ħadu l-ispunt mill-paragrafi konklużjonali tal-perizja. L-atturi jsostnu illi skond il-ġurisprudenza hija biżżejjed l-interklużjoni relattiva, fis-sens ta' diżaġju eċċessiv jew dispendju sproporzjonat għal sid il-fond dominanti. Iżda huwa ċar li dina l-kwistjoni ma tistax tiġi diskussa f'din il-kawża, tant għaliex fl-istess ċitazzjoni jissemma espressament il-passaġġ pedestri u ekwestri biss, kemm ukoll għaliex it-termini taċ-ċitazzjoni ma jippresiawx ruħhom bl-ebda mod, lanqas lontanament, għat-talba ta' konċessjoni ta' passaġġ neċessarju 'n segwitu għall-interklużjoni, sija pure fis-sens relativ fuq imsemmi. Anzi l-atturi qegħdin jibbażaw id-domanda tagħhom fuq it-titolu kostitutiv ta' l-att tad-diviżjoni, li jikkonċedi biss fuq passaġġ pedestri u ekwestri. Kieku l-Qorti kellha tidħol f'din il-kwistjoni, kull deċiżjoni tagħha tkun "extra petita", in bażi għall-prinċipju "officium non postulatum";

Għalhekk, in sostanza, l-istanza duplići ta' l-atturi tirriduċi ruħha f'talba, tant waħda kemm l-oħra, ta' dikjarazzjoni ta' dritt li l-konvenut qatt ma kkontrasta. Kif ingħad, ġie deċiż illi ma hemm xejn fil-liġi li jimpedixxi li tingħata dikja-

razzjoni simili, imma a spejjeż ta' min jitlobha. Il-konvenut difatti qatt ma oppona ruħu li l-atturi jeżerċitaw il-passaġġ pedestri u ekwestri skond it-titolu, jew li jagħmlu r-riparazzjonijiet meħtieġa. L-atturi ma jistgħux jippretendu li s-servitù tiġi estiża, għaliex estensjoni maġġuri tekwivali għal servitù ġdida ("Sant vs. Cassar", 11 ta' Mejju 1934, Appell) u lanqas jistgħu jippretendu li bi skuża ta' riparazzjonijiet fil-limiti ta' l-art. 508 Kap. 23 ibiddlu r-rotta jew il-wisgħa tal-passaġġ;

Għalhekk din il-Qorti tiddeċidi;

Billi tillibera lill-konvenut "ab observantia" in kwantu l-istanza tinsab proposta mill-allegat attur Pawlu Galea, bl-ispejjeż kontra Maria Galea bintu, imsemmija fin-nota fol. 28, salv ir-regress tagħha "si et quatenus" kontra min imiss;

Billi, kwantu għall-istanza kif proposta mill-atturi l-oħra Fortunata u Carmelo Farrugia, fuq l-ewwel talba tiddikjara illi lil dawn l-atturi, relativament għar-raba' in kwistjoni msemmi fl-att taċ-ċitazzjoni, tikkompeti s-servitù ta' passaġġ pedestri u ekwestri kif kostitwita bl-att diviżjonali eżibit in kopja fol. 14.................; kwantu għat-tieni talba, tiddikjara illi lill-atturi jikkompeti l-jedd li jagħmlu, spejjeż tagħhom u b'mod li jkun l-anqas ta' xkiel għas-sid tal-fond serventi, ix-xogħolijiet meħtieġa sabiex jinqdew bis-servitù u jżommu l-jedd tagħha skond it-titolu fuq imsemmi, bla ma jagħmlu xejn li jżid il-piż tal-fond serventi, sija kwantu għall-wisgħa tal-passaġġ, sija kwantu għal użu ieħor akbar milli bir-riġel u bil-bhima, sija b'kull mod ieħor li jkun;

L-ispejjeż kollha, minbarra dawk fuq ġà provvduti, jitħallsu mill-atturi Fortunata u Carmelo miżżewġin Farrugia.